MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1144/2003

**Anne Doris Falzon**

**vs**

**Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati b'digriet tat-13 ta' Frar 2003 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Charles Falzon**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 t'Ottubru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fis-16 ta' Novembru 1996 (ara Dok. "A"), minn liema zwieg il-konjugi Falzon kellhom tliet ulied, li huma Louise ta' sitt (6) snin (Dok. "B"), Denise

ta’ erba’ (4) snin (Dok “C”) u Daniel ta’ tliet (3) snin (Dok “D”);

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabbali l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ abbandun, eccessi, mohqrija, theddid, u ngurji gravi versu l-attrici;

Illi l-koabitazzjoni ta’ bejn il-partijiet flimkien saret impossibbli htija esklussiva tal-konvenut, u b’hekk iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

Illi l-attrici kienet kostretta mill-imgieba tal-konvenut li thalli d-dar matrimonjali li kellhom l-Ingilterra u flimkien ma’ wliedha giet tghix Malta;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontenzjuza permezz ta’ Digriet tas-Sekond’ Awla numru 1417/2002, hawn anness bhala dokument “E”.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b’tort uniku tal-konvenut, u ghall-finijiet ta’ l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili** tistabbilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro*;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti skond **artikolu 55 tal-Kodici Civili;**

4. Tillikwida u taqsam il-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta’ l-akkwisti f’zewg porzjonijiet, wiehed li jigi assenjat lill-attrici u wiehed li jigi assenjat lill-konvenut, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fid-dawl ta’ l-**artikolu 48 subinciz (1) (c) u ta’ artikolu 53 tal-Kodici Civili.**

5. Tqieghed lill-minuri Louise, Denise, u Daniel fil-kura u kustodja ta' l-attrici;

6. Jekk ikun il-kaz, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedhom minuri msemmija, a tenur ta' artikolu **54 tal-Kodici Civili,** liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga u sussegwentement mill-penzjoni tal-konvenut.

7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu elenkati f'**artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili**, u dan bl-applikazzjoni ta' **artikolu 51 ta' l-istess Kodici Civili;**

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 25 tal-process, fosthom l-inkartamenti u d-digrieti fejn l-attrici giet assenjata b'Dr. Leslie Cuschieri (u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar) bhala difensur ta' l-Ghajnuna Legali, u fejn anke l-Qorti nnominat lil Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi Deputati tal-konvenut assenti.

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fil-11 ta' Frar 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura ta' l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu, u anke nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex izomm is-seduti rikjesti ghas-smiegh tal-provi.

Rat id-digriet nota guramentata moghti lill-attrici ukoll fil-11 ta' Frar 2004 fejn giet ordnata sabiex fi zmien ghaxart ijiem tipprezenta nota qasira bil-pretensjoniet kollha taghha, liema nota ghandha tigi notifikata lill-kontro-parti li

f’terminu wkoll ta’ ghaxart ijiem ghandu jipprezenta nota simili bil-pretensjonijiet tieghu fejn jindika f’hiex ma jaqbilx ma’ l-attrici.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-11 ta’ Marzu 2004 a fol. 39 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 40 u 41 tal-process.

Rat in-nota tal-kuratur Dr. Richard Sladden datata 13 ta’ Mejju 2004 li biha pprezenta ittra mibghuta lill-assenti Charles Falzon.

Rat il-verbal tat-3 ta’ Gunju 2004 fejn Dr. Leslie Cuschieri ghall-attrici nforma lill-Qorti li dwar manteniment m’ghandux provi fuq l-introjtu tal-konvenut, filwaqt li ddikjara li fil-komunjoni m’hemm xejn x’jigi likwidat. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-18 ta’ Novembru 2004.

Illi b’digriet ta’ llum 18 ta’ Novembru 2004 din il-Qorti ordnat li isem l-attrici jigi ndikat bhala Anne Doris u mhux Doris Anne.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-unika provi li ngabru f’din il-kawza huma dawk prodotti mill-attrici u dan peress li jidher mill-atti processwali li l-konvenut assenti ma rrispondiex ghall-korrispondenza mill-kuratur deputat li gie nominat f’din il-kawza sabiex jirrapprezentah.

Illi ntant mill-provi prodotti jirrizulta illi jidher li l-partijiet iltaqghu meta l-attrici kellha biss tlettax-il sena (13) u l-konvenut kellu wiehed u ghoxrin sena (21). Jidher li kellhom relazzjonijiet qabel iz-zwieg tant li kellhom tifla fit-23 ta' Lulju 1996. Il-partijiet izzewgu fis-16 ta' Novembru ta' l-istess sena (1996) u dan meta l-attrici kellha biss sbatax-il sena (17). Jidher li l-konvenut kellu niesu jghixu l-Ingilterra u wara perjodu ma jahdimx hawn Malta u jghix mal-genituri ta' l-attrici, huwa hajjar lil martu sabiex imorru btala l-Inglilterra. Appena sabu ruhhom hemm, huwa ghamilha cara li ma riedx jirritorna biex ikompli jghix izjed hawn Malta, u fil-fatt ha l-pussess tal-passaport ta' l-attrici.

Illi fl-Ingilterra l-istess konjugi ghexu b'dak li jissejjah bhala *"income support"* ghaliex il-konvenut xorta ma hadimx. Mill-istess flus krew dar u wkoll xtraw xi ghamara. Kellhom zewgt itfal ohra sa Frar 2000, izda l-attrici tghid li l-konvenut kien beda jsawwatha, jheddidha, jghajjarha u juri kull xorta ohra ta' vjolenza maghha. Beda sahansitra jkisser affarijiet u wara jitlaq 'il barra mid-dar. Kien anke ihalliha nieqsa mill- flus ghaliex il-pagamenti ta' l-ghajnuna socjali fuq imsemmija, skond l-attrici kien anke jehodhom kollha hu.

Illi fl-affidavit ta' l-istess attrici datat 13 ta' Ottubru 2003 din tghid li fis-sajf tas-sena 2002 beda anke jsawwat lit-tfal, u wara argument abbanduna d-dar konjugali. Ghalhekk giet Malta u ghexet ma' ommha. Minn dakinhar il-konvenut qatt izjed ma ghamel kuntatt maghha, ghalkemm tghid li huwa jaf l-indirizz ta' ommha – ghax in verita' qabel ma marru l-Ingilterra kien jghix ghandhom.

Illi mill-provi prodotti t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sena biss hawn premess, b'dan li r-responsabbilta' tas-separazzjoni tkun imputabbli biss lill-konvenut ghar-ragunijiet indikati mill-attrici, b'dan li l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames, u s-seba' talbiet attrici ghandhom jigu milqugha, filwaqt li t-talbiet l-ohra ghandhom jigu biss milqugha kif hawn deciz, u dan minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi inkompatabbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut u dan minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' abbandun, eccessi, mohqrija, theddid, u ngurji gravi versu l-attrici, u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili** tistabbilixxi d-data ta' Gunju 2002 bhala dik minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro*;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti skond **artikolu 55 tal-Kodici Civili** u dan b'effett minn Gunju 2002.

4. Tillikwida u taqsam il-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet, b'dan li l-konvenut assenti ghandu jzomm dak kollu li huwa ghandu fil-pussess tieghu fl-Ingilterra, filwaqt li l-istess attrici ghandha zzomm fil-pussess taghha l-oggetti kollha li jinsabu fil-pussess taghha f'Malta.

5. Tqieghed lill-minuri Louise, Denise, u Daniel fil-kura u kustodja ta' l-attrici;

6. Tiddikjara li l-attrici u wliedha minuri ghandhom id-dritt li jigu mantnuti mill-konvenut, izda peress li ma saret l-ebda prova li l-istess konvenut ghandu xi forma ta' mpjieg jew xi qliegh, din il-Qorti ma tistax tillikwida l-istess ammont ta' manteniment, b'dan pero' li tali dritt jibqa' riservat favur l-attrici u wliedha jekk jigi ppruvat li l-konvenut jippercepixxi xi forma ta' ntrojtu aktar 'il quddiem.

7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kollha elenkati f'**artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili**, u dan bl-applikazzjoni ta' **artikolu 51 ta' l-istess Kodici Civili**.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut assenti, b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------